**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 53/11VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 16 ta' Jannar 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX fl-24 ta' Frar 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka *in toto* l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi ghas-sena ta' stima 1998 u dana stante li: (i) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa u l-Avviz ta' Rifjut ma nhargux *properly, reasonably* u *fairly;* (ii) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni nharget *fuori termine* a tenur ta' l-Artikoli 30 u 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) huwa qatt ma rcieva l-qligh li qed jghid il-Kummissarju tat-Taxxi Interni; (iv) il-kalkoli tal-Kummissarju huma ghal kollox zbaljati u bazati fuq premessi hziena; (v) ma nghatax smigh xieraq fl-istadju ta' oggezzjoni; u (vi) r-rapport taxxa perikolata/multi amministrattivi w imghax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "DG01" sa' Dok. "DG03" a fol. 3 sa' 8 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa u Avviz ta' Rifjut mahruga minnu huma gusti u jisthoqqilhom konferma in kwantu jirriflettu d-dhul reali tar-Rikorrent ghas-sena ta' stima 1998; (ii) ma huwiex minnu li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 u l-Avviz ta' Rifjut ma nhargux *properly, reasonably* u *fairly*; u (iii) kuntrarjament ghal dak allegat mir-Rikorrent, fl-istadju ta' l-oggezzjoni saru diversi laqghat bejn l-Objection Review Officers u r-Rikorrent assistit mir-rapprezentant tieghu Edward Zammit, izda r-Rikorrent baqa' ma ipprovdiex l-ebda spjegazzjoni oltre dik già moghtija qabel il-hrug ta' l-istima originali bil-konsegwenza ghalhekk li l-istima giet ikkonfermat fl-istadju ta' l-oggezzjoni wkoll;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 16 sa' 20 tal-process;

Ra s-sentenza preliminari moghtija fit-2 ta' Frar 2012[1] in forza ta' liema gie michud l-aggravju preliminari tar-Rikorrent illi l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 inharget *fuori termine* u konsegwentement gie ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Ra li waqt is-seduta tat-12 ta' April 2012 il-partijiet kontendenti qablu li l-provi li jingabru f'dan ir-Rikors japplikaw ghall-proceduri l-ohra kollha tar-Rikorrenti kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jgibu r-Rikors Numri minn 54/11 sa' 60/11;

Sema' x-xhieda ta' Neil Piccinino in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' April 2012[2] u x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduti tat-12 ta' April 2012[3] u tal-25 ta' Gunju 2013[4] u ra d-dokument esebit bhala Dok. "SM1" a fol. 142 tal-process, sema' x-xhieda ta' Edward Zammit moghtija waqt is-seduti tat-22 ta' Ottubru 2012[5], tad-29 ta' Ottubru 2013[6], tas-7 ta' Jannar 2014[7] u tal-11 ta' Frar 2014[8] u ra d-dokumenti esebiti minnu a fol. 156 sa' 212 tal-process, ra' l-affidavit ta' Carmel Gatt, rapprezentant tad-Direttur Generali (Taxxi Interni), u d-dokumenti annessi mieghu esebiti permezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' Marzu 2014 a fol. 234 sa' 350 tal-process, sema' x-xhieda ta' Carmel Gatt moghtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Lulju 2014[9] u tat-12 ta' Jannar 2015[10] u ra d-dokument esebit minnu markat Dok. "CG1" a fol. 361 sa' 364 tal-process;

Ra d-Digriet datat 30 ta' April 2012[11] in forza ta' liema l-Kummissarju tat-Taxxi Interni gie ordnat sabiex jesebixxi vera fotokopja tal-*file/files* relattivi ghar-Rikorrent u pertinenti ghall-istimi kontestati mir-Rikorrent bil-procedura odjerna u bil-proceduri bir-Rikors Numri 54/11 sa' 60/11;

Ra li b'Digriet moghti fit-18 ta' Gunju 2012 giet michuda t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jigi awtorizzat jappella mid-Digriet datat 30 ta' April 2012;

Ra li b'Nota pprezentata fit-3 ta' Lulju 2012 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni esebixxa vera fotokopja tal-*file/files* relattivi ghar-Rikorrent u pertinenti ghall-istimi mahruga kontra tieghu u minnu kontestati b'dawn il-proceduri u bil-proceduri bir-Rikors Numri 54/11 sa' 60/11;

---

[1] Fol. 64 sa' 69 tal-process.
[2] Fol. 75 sa' 91 tal-process.
[3] Fol. 92 sa' 94 tal-process.
[4] Fol. 143 sa' 154 tal-process.
[5] Fol. 129 sa' 137 tal-process.
[6] Fol. 213 u 214 tal-process.
[7] Fol. 216 sa' 224 tal-process.
[8] Fol. 227 sa' 233 tal-process.
[9] Fol. 365 sa' 372 tal-process.
[10] Fol. 375 sa' 380 tal-process.
[11] Fol. 72 sa' 74 tal-process.

Sema' t-trattazzjoni orali[12] u t-trattazzjoni orali ulterjuri da parte tad-difensur tar-Rikorrent[13] u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi pprezentata fis-7 ta' Settembru 2015 a fol. 382 sa' 399 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016[14] il-partijiet kontendenti qablu li siccome r-Rikorsi kollha fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" bir-Rikors Numri minn 53/11 sa' 60/11 jittrattaw dwar l-istess mertu, it-Tribunal jaghti sentenza wahda u dana senjatament fir-Rikors Nru. 53/11 (ossia l-proceduri odjerni) u r-Rikorsi l-ohra kollha jistennew l-ezitu ta' dawn il-proceduri;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni li jgibu r-Rikors Nru. 53/11 u b'diversi Rikorsi ohra li jgibu n-numri 54/11, 55/11, 56/11, 57/11, 58/11, 59/11 u 60/11, ir-Rikorrent jikkontesta Likwidazzjonijiet ta' Taxxa li nhargu kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 in forza ta' liema qed jigi mitlub ihallas taxxa ulterjuri ghall-imsemmija snin ta' stima, flimkien ma' taxxa addizzjonali u imghaxijiet.

Originarjament ir-Rikorrent kien qed jikkontesta Likwidazzjonijiet ta' Taxxa li inhargu fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 1990 sa' 2005, izda b'diversi sentenzi preliminari pronuncjati minn dan it-Tribunal fit-2 ta' Frar 2012 il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1990 sa' 1997 gew annullati in kwantu nhargu *fuori termine* filwaqt li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 ma gietx annullata in kwantu ma rrizultax li nharget *fuori termine*. Is-sena ta' stima 1998 ghalhekk hija l-ewwel sena ta' stima li dwarha l-Likwidazzjoni ta' Taxxa relattiva mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi ma gietx dikjarata nulla in kwantu ma rrizultax li nharget *fuori termine* u ghaldaqstant din is-sentenza tittratta dwar u tiddetermina l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 fil-mertu.

Bil-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 ir-Rikorrent qed jigi mitlub ihallas is-somma ta' €7,374.00 bhala taxxa, oltre taxxa addizzjonali w imghax. Ir-Rikorrent jikkontendi li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa ghandha tigi mhassra u revokata ghaliex: (i) l-istess Likwidazzjoni ta' Taxxa u l-Avviz ta' Rifjut ma nhargux *properly, reasonably* u *fairly;* (ii) huwa qatt ma ircieva l-qligh illi qed jghid il-Kummissarju; (iii) il-kalkoli tal-Kummissarju huma ghal kollox zbaljati w ibbazati fuq premessi hziena, (iv) ma nghatatx smigh xieraq fl-istadju ta' l-oggezzjoni; u (v) ir-rapport taxxa perikolata/multi amministrattivi w imghax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 u jitlob li l-istess jigi michud stante li: (i) l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa u Avviz ta' Rifjut mahruga minnu huma gusti u jisthoqqilhom konferma in kwantu jirriflettu d-dhul reali tar-Rikorrent ghas-sena ta' stima 1998; (ii) ma huwiex minnu li l-

[12] Seduta tat-12 ta' Jannar 2015, verbal a fol. 374 tal-process.
[13] Seduta ta' l-4 ta' Gunju 2015, verbal a fol. 381 tal-process.
[14] Fol. 404 tal-process.

Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 u l-Avviz ta' Rifjut ma nhargux *properly, reasonably* u *fairly*; u (iii) kuntrarjament ghal dak allegat mir-Rikorrent, fl-istadju ta' l-oggezzjoni saru diversi laqghat bejn l-Objection Review Officers u r-Rikorrent assistit mir-rapprezentant tieghu Edward Zammit, izda r-Rikorrent baqa' ma pprovdiex l-ebda spjegazzjoni oltre dik già moghtija qabel il-hrug ta' l-istima originali bil-konsegwenza ghalhekk li l-istima giet ikkonfermat fl-istadju ta' l-oggezzjoni wkoll.

Waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016 il-partijiet kontendenti qablu li siccome ir-Rikorsi kollha fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" li jgibu n-Numri 53/11, ossia l-proceduri odjerni, sa' 60/11, jittrattaw l-istess mertu, it-Tribunal ghandu jaghti sentenza wahda, senjatament fil-kawza odjerna bir-Rikors Nru. 53/11, fejn appuntu ngabru l-provi kollha, u r-Rikorsi l-ohra jistennew l-ezitu ta' dawn il-proceduri[15]. Mill-atti processwali jirrizulta wkoll li r-Rikorrent b'mod partikolari donnu jinsistu u jsostni li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa kollha li nhargu fil-konfront tieghu, u dana mhux limitatament ghall-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa li ghadhom in disputa bejnu u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, inhargu a bazi ta' *Capital Accretion Exercise* esegwit mill-Kummissarju[16].

It-Tribunal però ma jaqbilx ghal kollox mad-dikjarazzjoni li l-proceduri fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" bir-Rikorsi Numri 53/11 sa' 60/11 kollha jittrattaw l-istess mertu u li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa kollha li nhargu fil-konfront tar-Rikorrent, inkluzi ghalhekk dawk formanti l-mertu ta' l-imsemmija proceduri bir-Rikors Numri 53/11 sa' 60/11, inhargu a bazi tal-*Capital Accretion Exercise* esegwit mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Minn ezami akkurat ta' l-atti processwali u b'mod partikolari tal-file tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghar-Rikorrent, vera fotokopja ta' liema giet esebita permezz ta' Nota pprezentata fit-3 ta' Lulju 2012, jirrizulta li ghalkemm il-Kummissarju tat-Taxxi Interni esegwixxa *Capital Accretion Exercise* ghall-ewwel ghas-snin mill-31 ta' Dicembru 1993 sat-30 ta' Settembru 2005 u in segwitu ghas-snin mill-1 ta' Jannar 1994 sat-30 ta' Settembru 2005, ghall-fini li jistabilixxi l-akkrexximent fil-kapital tar-Rikorrent tul il-perijodu in kwistjoni, minn entrambe dawn l-ezercizzji rrizulta li l-akkrexximent fil-kapital tar-Rikorrent l-iktar sostanzjali sehh tul l-ahhar sitt snin kopert f'dan il-perijodu ossia bejn is-sena 2000 u s-sena 2005. Di fatti lill-Kummissarju tat-Taxxi rrizultalu *unexplained income* ta' Lm51,030 li siccome skontu baqa' ma giex gustifikat mir-Rikorrent, tqassam fuq l-istess perijodu ta' sitt snin u jinsab rifless fil-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa relattivi ghall-imsemmija snin. B'hekk il-*Capital Accretion Exercise* ma huwiex il-bazi tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa kollha kontestati mir-Rikorrent bil-proceduri bir-Rikorsi Numri 53/11 sa' 60/11 izda jikkostitwixxi l-bazi biss tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 li jiffurmaw il-mertu tal-proceduri bir-Rikors Numri 55/11 sa' 60/11.

Il-bazi tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1998 u 1999, liema Likwidazzjonijiet ta' Taxxa jiffurmaw il-mertu tal-proceduri odjerni (sena ta' stima

[15] Fol. 404 tal-process.
[16] Vide b'mod partikolari l-kontro-ezami ta' Carmel Gatt, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2014 a fol. 365 sa' 372 tal-process.

1998) u tal-proceduri bir-Rikors Numru 54/11 (sena ta' stima 1999), huwa imghax li skond il-Kummissarju tat-Taxxi ddevolva favur ir-Rikorrent minn flejjes li kellu depozitati f'bank/banek gewwa l-Awtralja, senjatament fuq l-ammont ta' ITL LIR 713,728,258, ekwivalenti ghal Lm164,220[17], li gie minnu ripatrijat Malta fl-1998, u liema imghax ma giex minnu dikjarat fid-Dikjarazzjonijiet tat-Taxxa tieghu ghas-sena bazi 1997 u ghas-sena bazi 1998. In verità din hija l-bazi wkoll tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1990 sa' 1997, liema Likwidazzjonijiet però gew dikjarati nulli u bla effett fil-Ligi in kwantu mahrugin *fuori termine*.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk, it-Tribunal ma jistax fil-kuntest ta' dawn il-proceduri jittratta l-*Capital Accretion Exercise* esegwit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interi u li jifforma l-bazi fuq liema nhargu l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2000 sa' 2005. Dan il-*Capital Accretion Exercise* jista' jigi trattat u kkunsidrat biss fil-kuntest tal-proceduri li jittrattaw il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2000 sa' 2005. Fil-proceduri odjerni t-Tribunal jista' jittratta u jikkonsidra biss il-bazi fuq liema nharget il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 fil-konfront tar-Rikorrent, u cioè l-imghax fuq flejjes depozitati gewwa bank/banek l-Awstralja li skond il-Kummissarju ddevolva favur ir-Rikorrent tul is-sena bazi 1997 u li ma giex minnu dikjarati fid-Dikjarazzjoni ta' Taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 1998.

Filwaqt li l-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 (u anke l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1999) hija bbazata *fuq kalkolu ta' imghax li XXX rcieva fuq il-flus li huwa gab Malta f'Mejju ta' l-1998 fl-ammont ta' Lm164,220 (ekwivalenti ghal 713,728,258 liri Taljani) fil-perijodu ta' meta dawn l-istess flus kienu gewwa l-Awstralja u r-rikorrent kien residenti f'Malta*[18], ir-Rikorrent jirribatti billi jikkontendi li: (i) ma hemmx prova konklussiva li huwa kellu flejjes depozitati f'bank/banek gewwa l-Awstralja u konsegwentement ma hemmx prova konklussiva li rcieva imghax fuq tali flejjes; (ii) *dato ma non concesso* li rcieva imghax fuq flus li kellu depozitati gewwa bank/banek gewwa l-Awstralja, ir-rata ta' imghax ta' 5% applikata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija ghal kollox arbitrarja w eccessiva; u (iii) dejjem *dato ma non concesso* li seta' kellu tali flejjes depozitati f'bank/banek gewwa l-Awstralja, una volta li huwa dahal fl-Investment Registration Scheme gie ezentat mill-hlas ta' taxxa fuq tali investimenti w imghax li seta' iddevolva fuqhom.

It-Tribunal jibda billi josserva li a tenur ta' l-Artikolu 4(1)(c) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta: *bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, it-taxxa fuq l-income ghandha tithallas bir-rata jew rati specifikati hawn taht ghas-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar 1993 izda biss dwar qligh kapitali li jkun sar fil-25 ta' Novembru 1992 jew wara u ghal kull sena ta' stima sussegwenti fuq il-qligh kapitali kif imfisser fl-artikou 5 li jkun dovut jew derviat minn Malta jew band' ohra, u sew jekk jasal Malta jew le, u ghas-sena ta' stima li tibda mill-1 ta' Jannar 1949, u ghal kull sena sussegwenti ta' stima fuq l-income ta' kull persuna li jkun dovut jew derviat minn Malta jew band' ohra, u sew jekk jasal Malta jew le dwar: (c) dividend, premiums, imghax (li jinkludi kull qligh minn xi somma flus f'liema munita tkun li jkunu depozitati ghand xi persuna li tkun tiggestixxi l-kummerc ta'*

---

[17] Kif kalkolat mill-Accountant tar-Rikorrent.
[18] Para. 12 tan-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 385 tal-process.

*bankier taht l-Att dwar il-Kummerc Bankarju f'liema kont ikun jew skonti…* Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li imghax percepit minn *taxpayer* residenti u domiciljat Malta fuq flejjes depozitati f'bank/banek barra minn Malta, anke jekk tali imghax ma jigix ricevut hawn Malta, ghandu jigi dikjarat fid-Dikjarazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima rilevanti.

Dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-provvediment tal-Ligi ftit li xejn jista' jkun hemm disgwid, izda fil-kaz in ezami r-Rikorrent jipprova jpoggi fid-dubju kemm attwalment kellu flejjes depozitati f'bank/banek gewwa l-Awstralja u konsegwentement kemm effettivament ircieva imghax fuq tali flejjes. Fil-fehma tat-Tribunal din il-linja adottata mir-Rikorrent tirrifletti l-principju li *the right to income is 'per se' not taxable, the receipt of the income is the actual taxable event*[19].

Il-posizzjoni adottata mir-Rikorrent fir-rigward ta' l-ezistenza ta' tali imghax tirrizulta cara mill-kontro-ezami ta' Carmel Gatt, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2015[20]. Meta Carmel Gatt iddikjara li l-bazi tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 1998 u 1999 kienet l-imghax fuq flejjes depozitati f'bank/banek gewwa l-Awstralja li skond il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ddevolva favur ir-Rikorrent fis-snin bazi relattivi, huwa gie mistoqsi *dan l-imghax li qed tghid li qala' fuqhom, qalghu mill-bank, minn istituzzjoni finanzjarja, minghand min?* Ghar-risposta *peress li l-fondi ingiebu mill-Awstralja allura thallus mill-Awstralja imma mhux minn bank go Malta*, Carmel Gatt gie mistoqsi *imma intom ghandkom xi prova tal-hlas ta' dan l-imghax jew huwa purament spekulazzjoni?* Ghar-risposta *ir-Rikorrent kien intalab bank statements biex jissosstanzja dawk il-fondi fejn kienu u dawn il-bank statements qatt ma ingiebu,* Carmel Gatt mill-gdid gie mistoqsi *imma dan l-imghax li qala' r-Rikorrent huwa kollu spekulazzjoni, an intelligent guess, biex nghidu hekk? Qed tispekulaw li ghamel imghax u mhux ghax tafu li ghandu somma depozitata f'tali bank illi thallas imghax bit-tali rata allura tafu li hemm dak l-imghax?* Ghar-risposta *l-ammonti kienu ammonti sostanzjali, xi Lm160,000 u xi Lm52,000. Wiehed jassumi li dawn ma kienux, kif nghidu ahna, taht is-saqqu u kienu investiti x'imkien,* Carmel Gatt rega' gie mistoqsi *mill-investigazzjoni li ghamiltu intom sibtu xi evidenza tangibbli illi kienu depozitati x'imkien dawn il-flus? … Intom qed tispekulaw li kellu imghax depozitat f'bank Awstraljan, hekk hu? … Jigifieri intom hekk kontu qed tissusspettaw li ghandu imghax f'bank Awstraljan, taqbel mieghi?*

Ghalkemm ir-Rikorrent jargumenta li l-fatt li huwa kellu flejjes depozitati f'bank/banek gewwa l-Awstralja u li rcieva imghax fuq tali flejjes tul is-sena bazi 1997 huwa *purament spekulazzjoni, an intelligent guess* u mera suspetti fir-rigward tieghu da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, in verità mill-atti processwali jirrizulta li kien ir-Rikorrent stess li indika lill-Kummissarju li dawn flejjes li huwa kien qala' waqt li kien jghix u jahdem l-Awstralja kienu mizmuma f'bank gewwa l-Awstralja. It-Tribunal hawnhekk qed jaghmel referenza ghad-dikjarazzjoni tar-Rikorrent stess li ntbaghtet lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni tramite d-ditta KPMG (ir-rapprezentanti tar-Rikorrent dak iz-zmien) permezz ta' ittra datata 14 ta' Gunju 2005, f'liema dikjarazzjoni r-Rikorrent afferma li *I left Malta in 1979 and was in America and Australia up to 1988 when I was actually deported. <u>Prior to leaving</u>*

[19] Principles of Maltese Income Tax Law – pg. 129.
[20] Fol. 375 sa' 380 tal-process.

*Australia I had passed on all my monies to my cousin who was an Australian citizen and could place those funds in a bank without any problems*[21]. *These funds were savings from earnings as a cab driver, a taxi driver and from a catering business. I confirm that I never owned any property in Australia. As I had to leave the country immediately I had instructed my cousin to hold on to these monies until such time as I would give him instructions to transfer these funds to Malta. As a matter of fact, I transferred roughly Lm50,000 in 1995 (249,000,000 Italian Lira) and roughly Lm140,000 in 1998 (713,000,000 Italian Lira). These are facts regarding the funds received in Malta and I am prepared to take a sworn affidavit should the Department require it*[22].

Dak affermat mir-Rikorrent fid-dikjarazzjoni appena imsemmija jikkostitwixxi prova valida f' dawn il-proceduri u dan in bazi ghal dak provdut fl-Artikolu 632(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta: *kull dikjarazzjoni maghmula mill-parti kontra taghha nfisha, u kull kitba ohra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistghu jingiebu bi prova.* Jigi osservat li ghalkemm ir-Rikorrent ma jattakkax b'mod dirett id-dikjarazzjoni in kwistjoni, waqt is-smigh tal-proceduri saret hafna enfasi fuq l-istat ta' sahha tieghu u kif tali stat ta' sahha effettwa l-fakultajiet intellettivi tieghu. Ad ezempju in ezami[23] Edward Zammit, ir-rapprezentant tar-Rikorrent f'din il-kwistjoni mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, gie mistoqsi *dwar is-Sur XXX, ghalkemm inti m'intix tabib, imma dwar is-sahha tieghu specjalment is-sahha mentali u l-mod kif jispjega ruhu, x'tista' tghidilna?* In risposta ghal tali mistoqsija Edward Zammit qal *mela jekk immur lura fil-bidu jigifieri meta kellna d-diskussjonijiet mad-dipartiment li kienu twal hafna, ma nafx kemm il-persuna nbidlet fid-dipartiment fil-kaz tieghu, he was lucid, he was always clear in his mind, jekk talbuh dokument tahulhom all the time. Meta imbaghad beda jircievi statements u ittri, giet gurnata li tah stroke li prattikament ipparalizzalu nofs gismu.* Mistoqsi *u wara li tah stroke, kif influwiet fuq il-lucidità li kont qed issemmi ecc.?* Edward Zammit irrisponda *fil-fatt, anke wara kellna meeting. At the time l-Inland Revenue kienu l-Marsa ghadhom. Konna morna hemmhekk darbtejn fil-prezenza tal-mara tieghu ghax kien dejjem irid l-assistenza, però he came.* Jidher ghalhekk li r-Rikorrent donnu jipprova, anke jekk b'mod indirett, jattakka l-validità u l-valur probatorju tad-dikjarazzjoni tieghu li tramite r-rapprezentanti tieghu ta' dak iz-zmien, id-ditta KMPG, baghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Tali dikjarazzjoni però difficilment tista' tigi validament attakkata u dana ghal raguni ferm semplici. Dik id-dikjarazzjoni, li kienet dikjarazzjoni li ghamel ir-Rikorrent minn jeddu u baghatha lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'ittra indirizzata mir-rapprezentanti tieghu dak iz-zmien, id-ditta KPMG, saret u inbaghtet qabel ma marad. In effetti d-dikjarazzjoni in kwistjoni saret fl-2005 u ntbaghtet lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'ittra datata 14 ta' Gunju 2005, filwaqt li r-Rikorrent marad fl-2007, ossia madwar sentejn wara. Li r-Rikorrent marad fl-2007 jirrizulta mix-xhieda tar-Rikorrent stess waqt is-seduta tat-12 ta' April 2012[24], fejn fost affarijiet ohra ddikjara li *jien fit-2007 imradt u rtirajt mix-xoghol. Minn dak iz-zmien lil hawn jien ma bqajtx nahdem bhala ship handler. Jien il-marda tieghi ma kenitx xi haga gejja bil-mod imma gratli f'daqqa.*

[21] Sottolinear tat-Tribunal.
[22] Red 6 u 6A – File Nru. 3 esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota pprezentata fit-3 ta' Lulju 2012.
[23] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2012, fol. 129 sa' 137 tal-process.
[24] Fol. 92 u 93 tal-process.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk u fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni tar-Rikorrent, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien gustifikat f'li jikkonsidra li r-Rikorrent kellu flejjes depozitati f'bank/banek gewwa l-Awstralja u li kien jippercepixxi imghax fuq tali flejjes. Dana kollu apparte l-fatt li ma huwiex kredibbli li r-Rikorrent halla ammonti ingenti ta' flus letteralment f'idejn terza persuna minghajr ma l-istess ikunu depozitati f'bank u dana kemm biex jaccerta ruhu li flusu jkunu debitament salvagwardati u li jkollu *return* fuqhom fil-forma ta' imghax. Kemm-il darba s-sitwazzjoni kienet differenti minn kif interpretata w ikkunsidrata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fid-dawl tad-dikjarazzjoni tar-Rikorrent, kien jispetta lil u fl-interess tar-Rikorrent li jipprovdi prova kuntrarja sodisfacenti, prova li però baqghet ma tressqitx.

Mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi u b'mod partikolari mill-minuti fil-file tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghar-Rikorrent u mix-xhieda ta' Carmel Gatt jirrizulta li l-Kummissarju ddetermina li r-Rikorrent ippercepixxa imghax bir-rata ta' 5% fis-sena fuq l-ammonti li kellu depozitati f'bank/banek gewwa l-Awstralja, senjatament fuq l-ammont ta' ITL LIR 713,728,258, ekwivalenti ghal Lm164,220, li gie minnu ripatrijat Malta fl-1998. In effetti fl-affidavit tieghu Carmel Gatt iddikjara li *wara d-dikjarazzjoni* [datata 14 ta' Gunju 2005], *fid-29 ta' Awwissu 2005 permezz ta' ittra XXX inghata appuntament ghat-13 ta' Settembru w intalab jipproduci 'Bank Statements – of foreign bank accounts from 1990 to date' u 'Breakdown and supporting evidence of – Interest accrued on deposits in Australia'* – Dok. "E" anness ma' l-affidavit. *F'dan l-istadju gewipprezentati kopji ta' tlett Certifikati ta' Registrazzjoni ghall-iskopijiet ta' l-Investment Registration Scheme bin-numri 018742, 018743 u 018744. It-total tal-fondi inkluzi fic-certifikati ta' registrazzjoni kien ta' Lm275,027 li minnhom, Lm106,577 gew ripartrijati lura Malta (kopja ta' dawn ic-certifikati giet ipprezentata quddiem dan l-Onorabbli Tribunal mis-Sur Edward Zammit bhala parti mid-dokument immarkat EZ)*[25]*. … Barra mill-ezercizzju ta' akkrexximent sar ukoll kalkolu dwar l-imghaxijiet li r-rikorrent qala' fuq il-fondi li kien gab Malta fl-1995 u l-1998 … fil-perijodu meta kien digà jghix Malta. Peress li r-rikorrent ma gabx id-dokumentazzjoni rikjesta kif imsemmi fil-paragrafu 9* (hawn appena citat) *id-Dipartiment kellu jaghmel certi assunzjonijiet sabiex jasal ghall-figura ta' l-imghax. Id-Dipartiment assuma li r-rata ta' l-imghax kienet ta' 5% u li bejn l-1995 u l-1998 ir-rikorrent gab Malta l-ammont kollu li kellu investit fl-Awstralja* (Dok. K anness ma' l-affidavit ta' Carmel Gatt). *F'dan l-istadju tali kalkolu japplika biss ghas-sena ta' l-stima 1998*[26].

Mill-kontro-ezami ta' Carmel Gatt[27] jirrizulta li r-rata ta' imghax ta' 5% hija assunzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, liema assunzjoni kellha tittiehed fid-dawl tal-fatt li r-Rikorrent baqa' ma pprezenta l-ebda *bank statement* li juri r-rata ta' imghax li huwa kien qed jippercepixxi fuq il-flejjes li kellu depozitati f'bank/banek gewwa l-Awstralja. Ghad-domanda dwar kif giet ikkalkulata tali rata ta' imghax, Carmel Gatt irrisponda *hija assumption, hija rata ragonevoli fuq dak l-ammont.* Ghad-domanda ulterjuri *ibbazata fuq l-imghax li jhallsu l-banek Astraljani per ezempju? Xi studju sar biex jiddetermina dik ir-rata ta' l-imghax? Kif ikkonkludejtu*

[25] Para. 9 ta' l-affidavit ta' Carmel Gatt, fol. 236 u 237 tal-process.
[26] Para. 17 ta' l-affidavit ta' Carmel Gatt, fol. 238 tal-process.
[27] Kontro-exami Carmel Gatt waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2015, fol. 375 sa' 380 tal-process.

*hekk?* Carmel Gatt irrisponda *kkonkludew hekk ghax l-ewwelnett hija assumption kif digà ghedt u huwa ammont ragonevoli jigifieri mhuwiex gholi hafna u lanqas huwa ammont baxx hafna. 5% mhux xi ammont ta' barra minn hawn* u ghall-osservazzjoni ulterjuri *imma kellu xi sostenn xjentifiku per ezempju wiehed jistenna li jekk is-suspett kien fuq imghax tenut ma' bank Awstraljan, kellkom taraw il-banek Awstraljani b'liema rata jhallsu u tghidu mela allura hekk u sar ezercizzju hekk,* Carmel Gatt irrisponda *imma jidhirli li mill-file ma jirrizultax hekk, jigifieri ittiehdet figura li dehret ragonveoli. Però intalab bank statement.* Ghad-domanda *biex inkunu sintetici, qtajtu ghad-dritta?* Carmel Gatt irrisponda *saret assumption u ma riedux jiehdu 10% ghaliex dehret gholja hafna u lanqas ha tiehu 1% jigifieri hadu rata li dehret ragonveoli ghad-dipartiment fl-assenza ta' dokumentazzjoni da parte tar-rikorrent.*

Fir-rigward it-Tribunal josserva li ghalkemm il-Kummissarju tat-Taxxi Interni seta' ghamel verifiki dwar x'kienet ir-rata ta' imghax fuq depoziti tal-banek Awstraljani fiz-zmien rilevanti, ossia fis-sena bazi 1997, il-fatt li fic-cirkostanzi tal-kaz fejn ir-Rikorrent ghad illi huwa stess iddikjara li l-flus li huwa qala' meta kien jghix l-Awstralja gew depozitati f'bank hemmhekk meta gie deportat mill-pajjiz, naqas milli jipprovdi d-debiti *bank statements,* il-Kummissarju ghamel assunzjoni fir-rigward tar-rata ta' imghax applikabbli ma jirrendix tali assunzjoni u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa bbazata fuqha, *a priori* ingustifikata, zbaljata u/jew eccessiva, kif donnu jippretendi r-Rikorrent. Biex tali assunzjoni titqies ingustfikata, zbaljata u/jew eccessiva jehtieg jintwera a sodisfazzjon tat-Tribunal li tali assunzjoni hija effettivament ingustifikata, zbaljata u/jew eccessiva. Daqs kemm ir-Rikorrent jippretendi li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni messu ghamel il-verifiki tieghu dwar ir-rata ta' imghax fuq depoziti tal-banek Awstraljani fiz-zmien rilevanti, daqstant iehor hu seta', u fil-fehma tat-Tribunal fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz messu, jipprova – u dana mhux necessarjament fil-forma ta' *bank statements* li evidentement ma jridx jipprezenta – li r-rata ta' imghax fuq depoziti tal-banek Awstraljani fiz-zmien rilevanti ma kenitx 5% izda rata differenti, prova li però ghal ragunijiet li jaf huwa biss baqa' ma ressaqx.

Apparte minn hekk jigi osservat li fiz-zmien rilevanti ghall-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent il-poteri tal-Kummissarju sabiex jottjeni informazzjoni fir-rigward ta' l-*income* ta' *taxpayer* kienu dawk enuncjati fl-Artikolu 14 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta kif in vigore qabel l-emendi introdotti bl-Att IV ta' l-2011: *sabiex jikseb informazzjoni sewwa dwar l-income ta' xi persuna, il-Kummissarju jista', minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan l-Att jew ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, jaghti avviz lil dik il-persuna fejn jehtieg minn ghandha li, fi zmien xieraq, tlesti u tikkunsinna lill-Kummissarju xi prospett specifikat f'dak l-avviz u/jew sabiex tmur hi stess jew billi tibghat lil haddiehor miflokha quddiemu u turih, ghall-ezami, il-kotba, dokumenti, kontijiet u prospetti (inkluzi dikjarazzjonijiet u kotba tal-bank) illi l-Kummissarju jidhirlu mehtiega.* Huwa evidenti ghalhekk li l-fonti principali ta' informazzjoni dwar l-*income* ta' *taxpayer* kien f'dawk iz-zminijiet it-*taxpayer* stess u dana b'mod partikolari fejn tidhol informazzjoni bankarja inkluzi ghalhekk depoziti bankjari w imghaxijiet akkumulati fuqhom.

Ghad illi f'dan il-kaz id-depoziti kienu f'bank/banek gewwa l-Awstralja u bejn Malta u l-Awstralja hemm vigenti Ordni dwar Ezenzjoni mill-Hlas ta' Taxxa Doppja fuq l-Income ma' l-Awstralja, Legislazzjoni Sussidjarja 123.15, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma setghax jottjeni informazzjoni dwar depoziti ta' flus li l-istess Rikorrent

kellu f'bank/banek gewwa l-Awstralja facilment daqs kemm pretiz mir-Rikorrent. In fatti ladarba r-Rikorrent ma ipprovda l-ebda informazzjoni dwar tali depoziti u l-bank/banek fejn kienu depozitati, anzi nonostante d-dikjarazzjoni tieghu ta' l-2005 beda jichad l-ezistenza ta' tali depoziti, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma kellux wisq informazzjoni x'jghaddi lill-Awtoritajiet fiskali Awstraljani ghall-fini ta' investigazzjoni dwar tali depoziti.

Apparte minn hekk il-Ftehim bejn Malta u l-Awstralja ghall-Helsien minn Taxxa Doppja u Biex Tigi Evitata Evazjoni Fiskali dwar Taxxi fuq l-Income, senjatament fl-Artikolu 25 tieghu, jipprovdi u jittratta dwar **skambju ta' informazzjoni** bejn Malta u l-Awstralja u mhux dwar **talbiet ghall-informazzjoni** minn pajjiz lill-iehor u ghalhekk strettament il-Kummissarju tat-Taxxi ma kellu l-ebda obbligu li fin-nuqqas ta' informazzjoni da parte tar-Rikorrent, jitlob u jottjeni informazzjoni dwar id-depoziti bankarji ta' l-istess Rikorrent gewwa l-Awstralja minghand l-Awtoritajiet fiskali gewwa l-Awstralja.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan appena osservat u fid-dawl tal-fatt li r-Rikorrent, ghad illi inghata l-opportunità jipprovdi l-*bank statements* relattivi, naqas milli jipprovdi l-informazzjoni relattiva, it-Tribunal ma jqisx li l-ezercizzju ta' diskrezzjoni da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni f'li jassumi li r-rata ta' imghax fuq depoziti f'banek gewwa l-Awstralja kienet ta' 5% kien ingustifikat jew zbaljat u li r-rata minnu applikata hija wahda eccessiva. Del resto huwa principju ormai assodat in materja ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi li *l-ezami tat-Tribunal ghandu jillimita ruhu ghar-ricerka jekk id-diskrezzjoni tkunx giet 'properly exercised', jigifieri jekk gietx ezercitata legalment fis-sustanza u fil-forma u skond ir-regoli tal-gustizzja naturali jew fi kliem iehor, jekk l-att tad-diskrezzjoni kienx legali, cioè fil-limiti tal-gurisdizzjoni, jekk gewx osservati l-proceduri mehtiega, u jekk l-ezercizzju tad-diskrezzjoni kienx 'fair and honest'. Jekk dawn il-konsiderazzjonijiet ikkonkorru allura l-Qrati ma jistghux imorru oltre u jirrevedu 'the exercise of discretion and substitute their own discretion for that of the body or person to whom the discretion has been entrusted'*[28].

Ir-Rikorrent jikkontesta l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in bazi ghal affermazzjoni ohra u cioè li una volta huwa dahal fl-Investment Registration Scheme hu gie ezentat mill-hlas ta' taxxa fuq tali investimenti w imghax li seta' iddevolva fuqhom. Il-bazi ta' tali kontestazzjoni tirrizulta b'mod car mix-xhieda ta' Edward Zammit u mid-dokumentazzjoni minnu esebita waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2013. F'ittra ta' oggezzjoni ghall-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghal diversi snin ta' stima, fosthom is-sena ta' stima 1998, indirizzata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 16 ta' Novembru 2006[29], Edward Zammit ghan-nom tar-Rikorrent osserva li *Years of Assessment 1990 to 1998 – Mr. XXX registered under the Investment Registration Scheme of the 13th June 2005 (copies of Certificates numbers 018742, 018743 u 018744 were given to the Commissioner of Inland Revenue during the tax audit investigation)*

[28] AB v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Kawza Nru. 225 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-14 ta' Novembru 2007, Decisions of the Court of Appeal, Vol. 6 pg 232, AB v. Joseph Mifsud Bonnici noe, Kawza Nru. 42, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Dicembru 1961, Decisions of the Court of Appeal, Vol. 2, pg6 u Neg.Ugo Pace et v. Prof. Joseph Anastasi Pace noe, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Mejju 1946, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXXII – II – 317.
[29] Fol. 166 tal-process.

*which registration qualifies Mr. XXX to exemption from income tax on undeclared investment income and capital gains for the said years of assessment in terms of article 9B of the Income Tax Act.* Dwar din l-iskema u l-posizzjoni tar-Rikorrent una volta li dahal fiha, Edward Zammit xehed illi *mela, l-iskema principalment kienet ghal dawk il-Maltin resident and domiciled in Malta jekk kellhom investiment jew bank accounts barra minn Malta li f'dawn l-accounts dahhlu flejjes li suppost gew iddikjarati Malta by way of chargeable income, l-iskema kienet tipprovdi a complete, mahfra kwazi assoluta basta jiddikjaraw dawn il-bank accounts li kellhom ma' Brokers Maltin jew anke banek li hallsu t-taxxa stabbilita minn din l-iskema u l-ligi kienet anke, kemm min-naha tac-Central Bank kemm min-naha ta' income tax, kienet tipprovdi car li min jaghmilha, the case is closed anke jekk kellu forsi x'jahbi*[30].

Meta però wiehed jifli u jikkonsidra c-Certifikati ta' Registrazzjoni li tant jishaq fuqhom Edward Zammit, mill-istess ma jirrizultax b'mod sodisfacenti li dawn jirreferu ghal u fihom jinkludu imghax li ddevolva fuq ir-Rikorrent fuq il-flejjes li kellu depozitati f'bank/banek gewwa l-Awstralja, partikolarment fuq is-somma flus minnu ripatrijata f'Malta fl-1998, liema somma jew ahjar l-imghax li ddevolva fuqha tul l-1997 jifforma l-bazi tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998. Ic-Certifikati in kwistjoni, kopja ta' liema giet esebita minn Edward Zammit a fol. 196 sa' 201 tal-process u tinsab ukoll fil-kopja tal-file tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghar-Rikorrent esebita fit-3 ta' Lulju 2012, ilkoll jipprovdu li *This Certificate is issued in respect of the eligible assets where were (a) held outside Malta on or after 1 January 2000 and repatriated to Malta prior to 16 June 2005 and/or (b) held outside Malta as at 31 March 2005 and still retained overseas*[31]*, as detailed hereunder. It entitles the registered beneficial owner of the said assets to the exemptions referred to in article 11 of the External Transactions Act and article 9B of the Income Tax Act.* Mill-provi prodotti però jirrizulta li s-somma ta' ITL LIR 713,728,258, ekwivalenti ghal Lm164,220, giet ripatrijata mir-Rikorrent fl-1998 u cioè diversi snin qabel ma rregistra ghall-iskema in kwistjoni u r-Rikorrent ma ressaq l-ebda prova li l-imghax li ppercepixxa fuq tali ammont qabel id-data tar-rimpatrju gie minnu ri-investit u tali ri-investiment jifforma parti mill-investimenti registrati taht l-Iskema. Ladarba huwa r-Rikorrent li jafferma li l-ammont ulterjuri taxxabbli determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta' stima 1998 huwa inkluz fl-Iskema in kwistjoni, bla dubju ta' xejn jispetta lir-Rikorrent li jressaq prova sodisfacenti fir-rigward, prova li però baqghet ma ngabet qatt.

Minn dan kollu jsegwi ghalhekk li l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Waqt it-trattazzjoni orali d-difensur tar-Rikorrent ghamel referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Angelo Zahra v. L-Onor. Prim' Ministru et, Appell Nru. 33/13** deciza fid-29 ta' Mejju 2015, fejn gie osservat *inter alia* li *hemm certu kazijiet fejn il-multa amminsitrattiva tant tkun severa li tikkwalifika bhala piena penali ghax tenut kont tas-severità taghha titqies derivanti minn akkuza kriminali ghall-finijiet ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ta'*

[30] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2012, fol. 129 sa' 137 tal-process.
[31] Sottolinear tat-Tribunal.

*l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.* Gie sottomess ghalhekk li l-garanziji sanciti fl-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni ghandhom japplikaw fil-kaz in ezami u b'hekk ikun hemm il-presunzjoni ta' l-innocenza a favur ir-Rikorrent. Din is-sottomissjoni twassal ghall-konkluzzjoni logika li skond ir-Rikorrent sabiex l-appell tieghu fil-konfront tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigi milqugh, ma huwiex hu li jrid jipprova li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra tieghu hija eccessiva izda huwa l-Kummissarju tat-Taxxi li ghandu jipprova minghajr dubju ragonevoli li r-Rikorrent ma ddikjarax id-dhul kollu tieghu ghas-sena bazi 1997 u li konsegwentement it-taxxa, taxxa addizzjonali w imghaxijiet minnu pretizi ghas-sena ta' stima 1998 huma effettivament dovuti.

It-Tribunal josserva però li anke a bazi ta' dan l-argument tar-Rikorrent, l-appell tieghu mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Huwa principju assodat in materja ta' grad ta' prova fil-kamp kriminali – ghaliex fl-ahhar mill-ahhar dan huwa l-grad ta' prova issa invokat mir-Rikorrent – li r-reita ta' l-imputat trid tigi pruvata mill-prosekuzzjoni 'l hemm minn kull dubju dettat minn raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Peter Ebejer**, deciza fid-9 ta' Dicembru 1997, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat li dan il-principju jfisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. B'hekk dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. F'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ccitat bran minn Lord Denning: *Proof beyond reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a mad as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice*[32].

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Seisun** deciza fid-9 ta' Awwissu 1998, il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jistghu jkunu diretti jew indiretti ossia indizzjarji. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li provi indizzijarji wahedhom ukoll jistghu ikunu sufficjenti biex tinstab htija ghaliex hafna drabi *fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma aktar importanti mill-provi diretti. Izda hu veru ukoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.* Gie diversi drabi riaffermat il-principju mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali li *circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by the undersigned coincidences is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics*[33]

---

[32] Miller v. Minister of Pension, 1974 – ALL ER 372.
[33] R v. Taylor 21 CRIM App R 21.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami u wara li kkunsidra bir-reqqa l-provi kollha prodotti, it-Tribunal huwa moralment konvint minn dak il-fatt li fuqu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni bbaza l-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 fil-konfront tar-Rikorrent, u cioè li tul is-sena bazi 1997 ir-Rikorrent ippercepixxa imghax fuq is-somma ta' ITL LIR 713,728,258, ekwivalenti ghal Lm164,220, li kienet depozitata f'bank gewwa l-Awstralja, liema imghax naqas milli jiddikjarah fid-Dikjarazzjoni ta' Taxxa tieghu ghas-sena ta' stima 1998, u konsegwentement iqis li tali Likwidazzjoni ta' Taxxa hija gusta u b'hekk timmerita konferma.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

A tenur ta' l-Artikolu 34(7) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Rikorrent li minn issa qed jigi infurmat bid-dritt tieghu ta' appell fuq punt ta' ligi biss entro ghoxrin (20) jum mid-data ta' din is-sentenza, ai termini ta' l-Artikolu 37 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**